# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 24 ta’ Settembru, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 963/99 SM**

**Georgina Saydon, Catherine Saydon, Mary Josephine Saydon, Giovanna Darmanin mart Salvu Darmanin bhala kap tal-komunjoni ta’ l-akkwisti**

**vs**

**Emanuel Muscat**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-avviz promotorju**

1. B’avviz intavolat mill-appellati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta’ Gunju, 1999, l-istess appellati talbu:

Illi l-appellant jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss mill-Qorti jizgombra mir-raba maghruf bhala ta' "Sqaq iz-Ziemel" Qormi, ta' cirka seba' tumoli kif ukoll mir-raba maghruf bhala "Tal-Handaq", Qormi, ta' cirka tlett tumoli li qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

**<u>L-Eccezzjonijiet ta' l-intimat</u>**

2. B'nota prezentata fl-14 ta' Ottubru, 1999, l-appellant eccepixxa s-segwenti u cioe':

(i) Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jipprovaw li ghandhom titolu ta' proprjeta' u cioe' li huma proprjetarji tar-raba in kwistjoni;

(ii) Illi fit-tieni lok it-talba kif maghmula anke fuq skorta ta' sentenzi hija insostenibbli peress li hija karenti minn talba sostanzjali kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

(iii) Illi fi kwalunkwe kaz, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ghandu titolu validu fil-ligi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

3. B'sentenza datata 12 ta' Dicembru, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) giet milqugha t-talba ta' l-atturi u ordnat lill-appellant sabiex jizgombra mill-imsemmija ghelieqi fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.

**<u>L-appell ta' l-intimat</u>**

4. Illi l-appellant hassu aggravat mis-sentenza sudetta u ghalhekk interpona appell ghal quddiem in il-Qorti fuq l-aggravju segwenti u cioe' illi qabel xejn jigi puntwalizzat is-segwenti u cioe' li l-appellant ta' tlett eccezzjonijiet – tnejn li jirrigwardaw materja ta' natura preliminari u t-tielet wahda tirrigwarda l-mertu tat-titolu.

Illi sa mis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 1999, sa dik tat-2 ta' Novembru, 2000, id-dibattitu legali kien limitat ghall-ewwel eccezzjoni u li cioe' li nghatat l-eccezzjoni li l-atturi kellhom jipprovaw li huma proprjetarji ta' l-art in kwistjoni, il-Qorti tal-Magistrati ma baqghetx aktar kompetenti biex tisma' dan il-kaz ghax din kienet materja li <u>l-ewwel</u> kellha tigi deciza mill-Qorti Superjuri biex seta' jkun hemm prosegwiment quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq iz-zewg eccezzjonijiet ohra;

Illi dan johrog car mis-segwenti verbali tal-Qorti u cioe':

i. Verbal ta' l-14 ta' Ottubru, 1999, a fol. 5 tal-process fejn b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni gie rilevat dan il-punt u kellha ssir nota ta' riferenza. Di fatti in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni giet prezentata s-sentenza "Charles Grima – vs – Michel Spagnol et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Marzu, 1996 (ara fol. 11);

ii. Verbal tat-8 ta' Frar, 2000, (fol 12) fejn il-kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju, 2000, ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni. A fol 27 giet esebita ghal darba ohra s-sentenza sudetta;

iii. Verbal tat-8 ta' Gunju, 2000, ghal darb'ohra l-kawza thalliet ghat-2 ta' Novembru, 2000, ghat-trattazjoni fuq l-ewwel eccezzjoni. Fil-31 ta' Frar, 2000, giet prezentata nota responsiva ta' l-atturi kjarament limitati ghall-ewwel eccezzjoni u intiza biss li tirribatti din l-eccezzjoni u xejn aktar (ara fol. 32);

iv. Verbal tat-2 ta' Novembru, 2000, - F'dik is-seduta dik il-Qorti ghal darba ohra semghet it-trattazzjoni fuq l-ewwel eccessjoni u wara l-kawza thalliet ghat-12 ta' Dicembru, 2000, u mhux ghas-sentenza.

Illi gara li fit-12 ta' Dicembru, 2000, inghatat sentenza, liema sentenza pero' ma kienetx limitata ghall-ewwel eccezzjoni, izda addirittura fil-mertu:

Illi jidher car mill-verbali kollha indikati, anke mill-istess trattazzjoni maghmula mill-partijiet permezz ta' sentenzi u noti ta' sottomissjonijiet, li sal-gurnata li kellha tinghata s-sentenza, anke jekk skond il-verbal ta' qabel l-istess kawza ma kienetx mhollija ghal dan l-iskop, id-dibattitu legali kien unikament u restrittivament limitat ghall-ewwel eccezzjoni biss. Dwar kull eccezzjoni ohra moghtija mill-appellant b'mod l-aktar limpidu l-partijiet kienu ghadhom qeghdin jirrizervaw il-posizzjoni taghhom fil-ligi ghal stadju ulterjuri.

Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kienet ghal kollox skorretta meta mhux biss tat sentenza fil-mertu, izda jidher ukoll li hawdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-appellant meta cahdet preliminarjament l-eccezzjoni tal-konvenut li din il-procedura kienet insostenibbli, peress li l-insostenibilita' ta' l-azzjoni kienet it-tieni u mhux l-ewwel eccezzjoni, meta di fatti kif gie rilevat b'mod l-aktar car, jerga' jigi enfasizzat li d-dibattitu legali kollu kien unikament limitat ghall-ewwel eccezzjoni.

Illi ghalhekk huwa car u ovvju, li dik is-sentenza hija ghal kollox nulla, peress li dik il-Qorti nvestiet l-eccezzjonijiet kollha ta' l-appellant – anke

dik fil-mertu – meta kellha tigi biss investita l-ewwel eccezzjoni. Biex jigi accentwat kemm kienet zbaljata l-ewwel Qorti, anke meta dahlet fil-meritu b'mod daqstant prematur ghamlet osservazzjoni li dan gie ezawrit b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sat-23 ta' Frar, 1996, meta dan ma hu xejn minnu peress li dik is-sentenza kienet tirrigwarda lil Joseph Muscat u mhux lil Emanuel Muscat.

Illi ghalhekk kieku kellha tigi konfermata l-ewwel sentenza, dan ikun bi ksur tad-dritt ta' l-appellant ta' l-"audi alteram partem".

Illi anke meta l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellant, kienet ghal kollox skorretta peress li una volta nghatat l-eccezzjoni li l-atturi kellhom jipprovaw li huma proprjetarji ta' l-art in kwistjoni, din ma setghetx tigi deciza mill-ewwel Qorti u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 47 (3) tal-Kap 12 u kif stabbiliet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tad-29 ta' Marzu, 1996, fl-ismijiet Charles Grima et – vs – Michael Spagnol et".

Ghaldaqstant l-appellant talab li dik is-sentenza tigi mhassra u annullata u dan billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu, u tichad it-talbiet attrici jew fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel eccezzjoni, u tannulla s-sentenza sudetta inkwantu cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra, u tordna li l-atti kollha tal-kawza jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tghaddi biex tigi trattata u tiddeciedi

dwar il-bqija ta' l-eccezzjonijiet moghtija mill-esponent bl-ispejjez u bir-rizerva li l-istess appellant iressaq kull prova ohra permissibbli fi stadju ta' appell.

**Ir-risposta ta' l-appellati Georgina Saydon et**

5. L-appellati wiegbu hekk:-

(i) Illi s-sentenza fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari hija gusta u timmerita konferma. Il-kawza hija ghall-izgumbrament minn raba maghruf bhala "Tal-Handaq" u "Ta' Sqaq iz-Ziemel", f'Hal Qormi li l-konvenut qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-Ligi. Il-konvenut qieghed isostni illi una volta illi huwa talab lill-atturi jipprovaw it-titolu taghhom, il-Qorti tal-Magistrati hija zvestita mill-gurisdizzjoni li tisma' l-kawza.

Din is-sottomisjsoni tal-konvenut hija skorretta, anzi assurda. Infatti l-Art. 48 tal-Kap 12 jistabilixxi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) "tiddeciedi wkoll kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni mmobbli, sew bini kemm raba", meta l-valur lokatizju ta' dawk il-beni mmobbli ma jiskorrix elf lira fis-sena.

Il-kawza odjerna mhix wahda petitorja u l-attur m'ghandux ghalfejn ikun proprjetarju ta' dawk il-beni. Biex jintavola kawza simili, l-attur irid ikollu interess guridiku (bhal kull attur f'kull kawza) izda mhux necessarjament irid ikun propretarju; infatti jista' jkun uzufruttwarju jew li ghandu biss titolu ta' pussess.

Ghalhekk korrettement, l-Ewwel Qorti ddecidiet li hija kompetenti tisma' l-kawza u cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari.

(ii) It-tieni eccezzjoni preliminari – li wkoll hija konnessa ma' l-ewwel eccezzjoni – wkoll giet korrettement deciza ghax l-Art. 48 tal-Kap 12 ma thallix lok ghal interpretazzjoni;

(iii) Illi dwar dik il-parti tas-sentenza li nvestiet il-meritu, l-appellati jirrimettu ruhhom.

**<u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>**

6. Mir-rikors ta' appell li gie pprezentat mill-intimat appellant jidher li l-aggravju huwa duplici: wiehed hu li l-Qorti ddecidiet malament dwar l-eccezzjoni solelvata mill-intimat koncernanti l-gurisdizzjoni o meno tal-Qorti tal-Magistrati li tiehu hi konjizzjoni tal-kawza u t-tieni tirrigwarda n-nullita' ta' l-istess sentenza inkwantu l-Ewwel Qorti kompliet ghaddejja

biex tiddelibera l-meritu meta kien hemm intendiment car u espress li fl-ewwel lok kellha tigi deciza l-eccezzjoni legali preliminarja.

7. Illi minn ezami tal-verbali ta' l-atti tal-kawza ghandu jirrizulta bl-izjed mod car u inekwivoku li kien hemm intendiment espress li l-ewwel kellha tigi rattata u deciza l-ewwel eccezzjoni biss. Hekk ara verbal datat it-8 ta' Gunju, 2000 (fol 31) u 2 ta' Novembru, 2000 (fol 44). Riferibbilment ghall-ahhar verbal surreferit hemm im nizzel hekk inter alia:

"Il-Qorti semghet it-trattazzjoni fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari".

8. Illi oltre s-suespost l-istess Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha mertu ta' dana l-appell iddikjarat espressament:

> "Illi l-procedura odjerna hi limitata ghall-kwistjoni preliminari sollevata mill-konvenut".

Illi wara li dik il-Qorti ddeliberat u cahdet l-ewwel eccezzjoni, kompliet ghaddejja billi tikkonsidra wkoll il-bqija tal-vertenza u sahansitra investiet il-meritu u spiccat biex cahdet il-bqija ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-kovnenut – bla ma dawn gew trattati u bil-kontra ta' dak li kien hemm ivverbalizzat mill-Qorti nfisha. Kjarament ifisser li tali strapp procedurali ghandu jwassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' din is-sentenza jew ta' parti minnha.

9. Illi jqum il-punt dwar jekk in-nullita' ghandhiex taffettwa s-sentenza fit-totalita' taghha jew jekk, invece, tistax din il-Qorti tippronunzja ruhha wkoll fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni billi hemm ukoll aggravju specifikament dwarha, stante li l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni giet deciza mill-ewwel Qorti u sussegwentement michuda.

10. Din il-Qorti jidhrilha li bil-mod kif giet moghtija u redatta s-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti korrettement l-ewwel ghaddiet biex tiddelibera u tiddeciedi separament dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Illi ghalhekk huwa proceduralment possibbli li l-aggravju dwar il-fondatezza o meno ta' din l-eccezzjoni jigi deliberat ukoll minn din il-Qorti – indipendentement minn kif kompliet biex tiddelibera in segwitu l-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt, kemm l-appellant kif ukoll l-appellati, ittrattaw dana l-aggravju separatament mill-bqija ta' l-aggravju.

11. Illi dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni, din il-Qorti tibda billi tirrileva li proprjament il-binarju li ghandha tiehu procedura gudizzjarja huwa fl-ewwel lok determinat min-natura tac-citazzjoni. L-eccezzjonijiet wehidhom mhux bizzejjed biex ibiddlu dan ghalkemm jista' jigri li in segwitu jkun hemm pronunzjament jew decizjoni li jirrendi

dik il-procedura mhux izjed fil-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. F'kull kaz pero' dik il-Qorti ghandha dejjem il-fakolta' li tinvesti l-eccezzjoni hekk sollevata ghaliex diversament ikun ifisser li azzjoni gudizzjarja tista' facilment tkun stultifikata semplicement billi konvenut jissolleva eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni u, fl-ipotesi kontemplata mill-appellant, dik il-Qorti tieqaf hemm immedjatament. Din mhix il-procedura korretta.

12. Illi kif tajjeb issottomettew l-appellati mhux necessarju li biex wiehed jippromwovi kawza dwar beni mmobbli bilfors irid ikun is-sid. Ikun bizzejjed li jkun hemm dak li jissejjah interess guridiku da parti ta' l-istanti. Hemm distinzjoni f'dan is-sens bejn kawza ta' natura petitorja minn dik possessorja.

Illi fil-fehma tal-Qorti dak li ddecidiet il-Qorti tal-Magistrati fis-sens li hija kienet kompetenti u kellha gurisdizzjoni li tisma' u li tiddeciedi din il-kawza kien korrett u legalment validu. Infatti l-artikolu 48 tal-Kap 12 jistabilixxi kjarament li l-Qorti tal-Magistrati tista' tiddeciedi wkoll kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni mmobbli sew bini kemm raba. Issa l-kwistjoni tal-valur tidhol biss ghall-fini ta' kompetenza ratione valoris ghaliex l-izgumbrament qed jintalab a bazi ta' l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' kwalsiasi titlu da parti ta' l-appellant. Mill-atti u dokumenti li hemm esebiti fil-kawza ghandu jirrizulta li l-ewwel Qorti

ddecidiet tajjeb dwar l-ewwel eccezzjoni u li ghalhekk l-aggravju dwarha hu infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-aggravju ta' l-intimat appellant inkwantu jikkoncerna dik il-parti tad-decizjoni fejn l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni giet michuda u tikkonferma din il-parti tas-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, tilqa' pero' dik il-parti ta' l-aggravji in kwantu tiddikjara l-bqija ta' l-imsemmija sentenza fl-ismijiet premessi u kif moghtija mill-istess Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2000, bhala nulla u qeghda ghalhekk tirrevoka din il-parti tas-sentenza in kwantu tolqot l-eccezzjonijiet l-ohra, partikolarment dik fil-mertu u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-fini ta' tkomplija u smiegh tal-kawza skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi, il-Kap ta' l-ispejjez relativi ghal dan l-appell tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet u dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali.

Dep/Reg

mm